MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 766/2005

**Maltacom plc (C 22334) u b`digriet tas-7 ta` Dicembru, 2007, il-Qorti laqghet it-talba u flok il-kelma "Maltacom plc" issir "Go plc"**

**vs**

**Marisa Tirchett**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

Il-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit. Numru 2618/97 RCP) giet deciza minn din il-Qorti fit-3 ta` Novembru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta` Lm 964.89 (disgha mija, erbgha u sittin liri Maltin u disgha u tmenin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 449112 li kien installat fil-fond 'Marisa' 91, flat 11, Merchant Street, Valletta, bl-imghax u bl-ispejjez.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b`hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm 171.16 (mija, wiehed u sebghin liri Maltin u sittax centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument *"A"* kif ukoll Lm 488.88 (erbgha mija, tmienja u tmenin liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8 %) fis-sena mid-data tas-sentenza sa llum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta` Lm 1,624.93 (elf, sitt mija erbgha u ghoxrin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta` Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li ghalkemm debitament notifikata, l-intimata baqghet ma pprezentat ebda risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat l-Art. 258 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tilqa` t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------